# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA
# SEDE KOSTITUZZJONALI

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis**
**Għoxrin (20) ta' Jannar 2022**

**Rikors Numru 801/2021/1 FDP**

Fl-ismijiet

**Paul Attard**
**(ID 475978M)**

**Vs**

**Avukat Ġenerali u Avukat tal-Istat**

**Il-Qorti:-**

1. Rat ir-rikors għall ħruġ ta' miżura provviżorja ippreżentat fil-**<u>21 ta' Diċembru 2021</u>** fejn, fl-atti tal-proċeduri Kostituzzjonali fl-istess ismijiet mismugħa quddiem dina l-Qorti, kif ippresjeduta, talab is-segwenti:

    1. *Permezz ta' sentenza mogħtija nhar id-9 ta' Diċembru 2021, il-Qorti tal-Appell Kriminali ċaħdet l-aggravji ntentati mir-rikorrenti u per konsegwenza ordnat it-treġġiegħ tar-rikorrenti lura lejn il-pajjiż rikjedent ossia lejn l-Italja kif mitlub mill-awtoritajiet ġudizzjarji Taljani skond il-Mandat ta' Arrest Ewropew (MAE) de quo u li l-estradant għandu jinżamm taħt il-kustodja fi stennija għat-treġġiegħ lura tiegħu lejn l-istess pajjiż;*

2. *In forza ta' dak maħsub fl-artikolu 16 tal-Kap. 276 tal-Liġijiet ta' Malta moqri flimkien mar-regolament 25(2) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 276.05 tal-Liġijet ta' Malta, ir-rikorrent ġie debitament mgħarraf mill-Qorti tal-Appell Kriminali li huwa ma huwiex ser jiġi mreġġa lura lejn il-pajjiż rikjedent ossia lejn l-Italja qabel ikunu iddekorrew sebat (7) ijiem mid-data tal-ordni ta' kustodja u ċioe' minn nhar id-9 ta' Diċembru 2021;*

3. *Tali terminu ta' sebat (7) ijiem illum iddekorra fl-intier. Billi pero' r-rikorrenti ntavola l-kawża kostituzzjonali odjerna permezz ta' rikors ippreżentat nhar il-15 ta' Diċembru 2021, huwa ma ntbgħatx lura lejn il-pajjiż rikjedent u kwindi għadu f'dan l-istadju miżmum ġewwa l-Faċilita' Korretiva ta' Kordin;*

4. *F'dan l-isfond, ir-rikorrent iġib a konjizzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti id-dispost tas-subinċiżi (2) u (5) tal-artikolu 232 tad-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill (2002/584/JHA) ossia d-Deċiżjoni Kwadru applikabbli in materja ta' MAE, li testwalment jistipulaw hekk:*

   > *"2. Il-persuna għandha tiġi ċeduta mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-deċiżjoni finali fuq l-eżekuzzjoni tal-mandat ta' arrest Ewropew*
   >
   > *...*
   >
   > *5. Fuq l-iskadenza tal-limiti tal-ħin imsejħa fil-paragrafi 2 sa 4, **jekk il-persuna għadha qed tinżamm fil-kustodja għandha tiġi rilaxxata**." [sottolinejar tar-rikorrent].*

5. *Tali Deċiżjoni Kwadru ġie lokalment traspost permezz tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 276.05 tal-Liġijiet ta' Malta, liema leġislazzjoni tikkontempla terminu ta' sebat (7) ijiem u mhux għaxart (10) ijiem kif maħsub fid-Deċiżjoni Kwadru msemmi. Madanakollu, jibqa' l-fatt li l-liġi tesiġi li appena tali limitu ta' ħin ikun skada, l-estradant ma jistax jibqa' taħt kustodja u għandu jiġi rilaxxat.*

6. *Għaldaqstant, pendenti d-determinazzjoni tal-lanjanzi ta' natura kostituzzjonali mressqa quddiem dina l-Onorabbli Qorti, ir-rikorrent bir-rispett jitlob, fid-dawl ta' dak maħsub fl-artikolu 23 tad-Deċiżjoni Kwadru, li a tenur tal-Artikolu 46 (2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta, tinħareġ miżura proviżorja ossia interim measure bl-effett li jiġi ordnat il-ħelsien mill-arrest tar-rikorrent pendenti s-smigħ ta' dina l-istess kawża.*

2. Rat illi r-rikorrent ġie ordnat n-notifika tiegħu fl-24 ta' Diċembru 2021 w ġie appuntat għat-trattazzjoni finali għall-11 ta' Jannar 2022.

3. Rat ir-risposta ta' l-intimati ippreżentata fis-7 ta' Jannar 2022 fejn, għat-talba kif redatta, opponew għat-talba u ressqu s-segwenti argumentazzjoni:

    1. *Illi permezz tar-rikors promotur ir-rikorrent qed jitlob lil din l-Onorabbli Qorti tagħti interim measure fis-sens li jingħata l-ħelsien mill-arrest pendenti l-eżitu tal-proċeduri kostituzzjonali.*

    2. *Illi l-esponenti sejrin brevement isemmu xi fatti l-aktar relevanti sabiex din l-Onorabbli Qorti ikollha stampa kemm jista' jkun kompleta tas-sitwazzjoni ġudizzjarja li tirrigwarda lir-rikorrenti Paul Attard.*

    3. *Illi wara investigazzjoni mill-awtoritajiet Taljani, l-Guardia Di Finanza ta` Palermo interċettat f`ibħra internazzjonali dgħajsa li kellha bandiera Olandiża fejn instabu 10 tunnellati ta` sustanza suspettata droga. In segwitu għal din l-investigazzjoni kondotta mill-awtoritajiet Taljani, ġew arrestati diversi nies u sussegwentement l-Italja ħarġet Mandat ta` Arrest Ewropew datat 7 ta` Ġunju 2019 fil-konfront tar-rikorrenti sabiex f`Malta r-rikorrenti jiġi arrestat u jibdew proċeduri ta` estradizzjoni.*

    4. *Illi eventwalment ir-rikorrenti ġie arrestat Malta nhar is-6 ta` Settembru 2021 bis-saħħa ta` Mandat ta` Arrest Ewropew maħruġ mit-Tribunale di Catania, Sezione Giudice per le Indagini Preliminari u dakinhar stess tressaq quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Rimandanti. Fl-4 ta` Ottubru 2021 il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Rimandanti ippronunzjat ruħha dwar l-estradizzjoni tar-rikorrent billi iddikjarat li r-reat imsemmi fil-Mandat ta` Arrest Ewropew mhux wieħed ta` estradizzjoni.*

    5. *Illi l-Avukat Ġenerali ħass ruħu aggravat minn din is-sentenza u ntavola appell minn din id-deċiżjoni quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali.*

    6. *Illi l-Qorti tal-Appell Kriminali presejeduta mill-Onor. Imħallef Aaron M. Bugeja ddeċieda u ddikjara, permezz ta' sentenza datata 28 t'Ottubru 2021, li r-reat huwa estradabbli u bagħat lura l-każ quddiem il-Qorti tal-Maġistrati sabiex ai termini tal-liġi dik l-Qorti tkun tista' tevalwa u tiddeċiedi jekk il-kweżiti l-oħra tal-liġi humiex sodisfatti. Din is-sentenza fid-deċide tipprovdi s-segwenti –*

        > *Għaldaqstant din il-Qorti qiegħda tilqa' t-tieni parti tat-tieni aggravju tal-appell tal-Avukat Ġenerali u filwaqt li tirrevoka d-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Rimandanti, tiddikjara li r-reat imsemmi fil-Mandat t'Arrest Ewropew jikkostitwixxi reat t'estradizzjoni fis-sens aktar il-fuq imsemmi; u fid-dawl ta' dan, stante li kif intqal fl-ewwel parti ta' din is-sentenza il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti*

> *Rimandanti illiberat lill-estradant fis-sensi tal-artikolu 12(3) tal-Ordni, u ġjaladarba jeħtieġ li s-smiegħ tal-estradizzjoni jissokta fis-sensi tal-artikoli 13 et seq tal-Ordni, tibgħat l-atti ta' dan il-proċess lura lil Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Rimandanti sabiex tkompli bis-smiegħ tal-estradizzjoni b'dan li l-estradant għandu jitqiegħed fil-posizzjoni li kien fiha wara d-digriet tal-għoti tal-ħelsien mill-arrest tal-15 ta' Settembru 2021.*

*u abbażi ta` din is-sentenza issokta s-smigħ tal-proċeduri ta` estradizzjoni quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (bħala Qort Rimandanti) liema proċeduri kienu differiti għal nhar it-Tnejn 15 ta` Novembru 2021 għas-sentenza.*

7. *Illi proprju fil-15 ta` Novembru 2021 il-Qorti Rimandanti ippronunzjat ruħha dwar l-estradizzjoni tar-rikorrenti u fil-fatt sabet li m`hemm l-ebda impediment għall-estradizzjoni tar-rikorrenti u ordnat li r-rikorrenti jinżamm taħt kustodja skont il-liġi.*

8. *Ir-rikorrent appella minn dik id-deċiżjoni, liema appell ġie deċiż definittivament mill-Qorti tal-Appell Kriminali, b`sentenza datata 9 ta` Diċembru 2021 fejn ordnat it-treġġieg tal-estradant qua rikorrenti lejn l-Italja kif mitlub mill-awtoritajiet ġudizzjarji Taljani skont il-Mandat ta` Arrest Ewropew u li l-estradant jibqa' miżmum taħt kustodja sakemm jitreġġa' lura lejn l-Italja.*

9. *Illi kif diga' ingħad fir-rikors promotur f'din il-kawża, ir-rikorrent qed jitlob il-ħelsien mill-arrest pendent l-eżitu tal-kawża kostituzzjonali numru 801/2021FDP.*

10. *Illi l-ewwelnett tajjeb li jiġi rilevat li l-proċeduri ta` estradizzjoni quddiem il-Qrati kriminali Maltin intemmu definittivament u huma ikkunsidrati bħala res judicata. Dan ifisser li l-Qrati Maltin esprimew ruħhom dwar l-estradizzjoni tar-rikorrenti u l-mertu dwar jekk ir-rikorrent għandux jiġi estradit lejn l-Italja huwa eżawrit proprju għaliex l-ordni tal-Qorti għat-treġġigħ lura tar-rikorrent lejn l-Italja huwa wieħed finali.*

11. *Illi ma jeżistux l-elementi meħtieġa mill-liġi għall-akkoljiment tat-talba kontenuta fir-rikors promotur, u ċioe` t-talba sabiex dina l-Onorabbli Qorti tagħti miżura ad interim a tenur l-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 4 tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea, liema talba tirriżulta manifestement infondata u għalhekk għandha tiġi miċħuda.*

12. *Tabilħaqq allegazzjoni ex parte illi sar ksur ta' dritt fondamentali mhijiex ekwivalenti għal sejbien ġudizzjarju ta' ksur ta' drittijiet*

*fondamentali, u hija għal kollox inkompatibbli mas-serjetà tal-proċess ġudizzjarju u mal-finalità ta' res judicata li sentenza tinżamm milli titwettaq għax xi ħadd jallega li kien hemm ksur ta' drittijiet fondamentali.*

13. *Illi l-esponenti jissottomettu wkoll illi l-għoti ta' ordni provvizzjorja trid tiġi kkunsidrata tenut kont tal-artikoli partikolari li minnhom ikun qed jillanja l-individwu u dan peress li l-għoti ta' tali miżuri huwa eżerċizzju eċċezzjonali u straordinarju. Kemm il-Qrati nostrani kif ukoll il-Qorti Ewropeja jinterpretaw kwistjonijiet ta' interim measures b'mod ristrett għall-aħħar u jikkonċedu tali miżuri biss f'ċirkostanzi li jirrigwardaw sitwazzjonijiet estremi ta' allegata vjolazzjoni tad-dritt għall-ħajja u ta' trattament inuman u degredanti.*

14. *Issir riferenza għall-provvediment mogħti fil-kawża fl-ismijiet* **Raymond Caruana vs L-Avukat Ġenerali** *deċiża fit-23 ta' April 2003 fejn ġie osservat illi 'interim relief jingħata meta "there is an apparent real and imminent risk of irreparable harm" u ġeneralment jingħata f'każijiet fejn hemm "an alleged risk to life or ill treatment" fosthom każijiet ta' deportazzjoni u espulsjoni għal stati fejn ir-riskju għall-ħajja huma kbar ħafna. "Matters of detention, interference with property rights" m'humiex fost il-każijiet fejn jingħata interim relief'.*

15. *Illi l-esponenti jagħmlu riferenza wkoll għall-provvediment mogħti minn dina l-Onorabbli Qorti fil-kawża fl-ismijiet* **Alfred Degiorgio vs L-Avukat Ġenerali et** *(rikors kostituzzjonali numru 57/2018/1) tat-22 ta' Mejju 2018 fejn ġie osservat illi "Il-Qorti qieset il-fattispecie tal-proċeduri li għandha quddiemha fid-dawl tas-suċċitat insenjament, li minnu joħorġu ż-żewġ rekwiżiti essenzjali sabiex din il-Qorti tgħaddi biex tagħti rimedji ad interim kif mitlub, u ċioe' l-ksur prima facie u l-ħsara irrimedjabbli".*

16. *Illi kif osservat dina l-Onorabbli Qorti (diversament presjeduta) fid-digriet tagħha fl-atti tar-rikors Kostituzzjonali numru 50/16/1 JRM fl-ismijiet "Rosette Thake u Dottoressa Anna Fenech, fil-kwalita' rispettiva tagħhom ta' Segretarju Ġenerali u President tal-Kumitat Eżekuttiv tal-Partit Nazzjonalista' u għan-nom u in rappreżentanza tal-Partit Nazzjonalista vs l-Onor. Prim Ministru et", deċiż 9 ta' Ġunju 2016;*

> *"biex jista' jingħata rimedju provviżorju, jeħtieġ li min jitolbu juri li hemm każ prima facie ta' ksur ta' jedd fundamentali u li n-nuqqas tal-għoti tal-miżura provviżorja sejra ġġib ħsara li ma titreġġax lura fil-każ tiegħu."*
>
> *"Minħabba f'hekk, l-għoti ta' provvediment provviżorju f'kawża ta' allegat ksur ta' jedd fundamentali jitlob li jintwerew*

*ċirkostanzi eċċezzjonali li jagħmluh meħtieġ" ara "Daniel Alexander Holmes vs Avukat Ġenerali et" digriet P.A. Kostit. AE 16.4.2014.*

17. *Illi għalhekk fuq l-iskorta tal-insenjament tal-ġurisprudenza tal-Qrati nostrana, jinkombi fuq ir-rikorrenti li juri li (a) għandu dritt prima facie li nkiser; u (b) ħsara irrimedjabbli f'każ li ma tinħariġx il-miżura provviżorja. Illi dawn iż-żewġ rekwiżiti huma kumulattivi u mhux alternattivi bil-konsegwenza li għandhom jiġu sodisfatti t-tnejn li huma sabiex it-talba tar-rikorrenti tiġi milqugħa minn dina l-Onorabbli Qorti.*

18. *Illi jingħad ukoll li mhuwiex biżżejjed li wieħed joqgħod biss fuq xi sitwazzjoni ipotetika jew li mhix ċerta li sseħħ. Minħabba f'hekk, l-għoti ta' provvediment proviżorju f'kawża ta' allegat ksur ta' jedd fundamentali jitlob li jintwerew ċirkostanzi eċċezzjonali li jagħmluh meħtieġ.*

19. *Illi minn eżami anke superfiċjali tar-rikors in risposta jirriżulta li dak li qiegħed jintalab mir-rikorrenti bħala miżura provviżorja lanqas b'mod l-aktar remot ma jinkwadra u jissodisfa r-rekwiżiti żviluppati fil-ġurisprudenza odjerna u dan għal-diversi raġunijiet.*

20. *Illi dan m'huwiex każ ta' "urġenza estrema" fejn in-nuqqas ta' teħid ta' tali miżuri jirriżulta, jew jażżarda li jirriżulta, fi ħsara irreparabbli għall-interessi vitali tal-parti konċernata jew għall-perkors tal-eżami li l-Qorti jkun jeħtiġilha tagħmel".*

21. *Illi wkoll fir-rikors promotur imkien ma jindika eżattament liema artikolu tal-Kostituzzjoni jew tal-Konvenzjoni Ewropea allegatament ġie miksur. Dan minnu innifsu huwa nuqqas fatali għat-talba tar-rikorrenti. Kif diġa` ġie aċċennat f`din ir-risposta, l-ewwel rekwiżit li jrid jiġi sodisfatt sabiex tinħareġ interim measure huwa li jkun hemm prima facie ksur ta` jedd fondamentali. Fir-rikors promotur ir-rikorrent ma jgħidx liema hu dan id-dritt li allegatament ġie vjolat. Għal din ir-raġuni waħedha wkoll it-talba tar-rikorrenti għandha tiġi miċħuda.*

22. *Illi d-dritt għal-liberta' m'huwiex wieħed assolut u l-esponent jagħmlu speċifikatament referenza għall-artikolu 5(1)(f) tal-Kap 319 li jgħid:*

*Kulħadd għandu d-dritt għal-libertà u għas-*sigurtà *tal-persuna.*

*Ħadd ma għandu jiġi ipprivat mil-libertà tiegħu ħlief fil-każijiet li ġejjin u skont il-proċedura preskritta bil-liġi*

*(f) arrest jew id-detenzjoni skont il-liġi ta' persuna biex jiġi evitat li tidħol mingħajr awtorità fil-pajjiż jew ta' persuna li kontra tagħha tkun qed issir kawża għad-deportazzjoni jew għall-estradizzjoni*

23. *Illi f`każ li r-rikorrent jiġi arrestat in konnessjoni mal-estradizzjoni tiegħu, l-arrest huwa speċifikatament wieħed skont il-liġi għaliex l-artikolu 5(1(f) stess jispeċifika li f`każijiet ta` estradizzjoni l-arrest tal-persuna jkun pjenament ġustifikat u ma jkunx kontra l-artikolu 5.*

24. *Illi apparti dan l-esponenti itennu li f`każ li r-rikorrenti jingħata l-ħelsien mill-arrest il-biża tal-ħarba jew li jinħeba huwa għoli ħafna u dan għaliex:*

    i. *Il-proċeduri ġewwa l-Italja jinvolvu akkużi ferm serjissimi fuq pussess u trasportazzjoni ta` hashish f'ammonti enormi, kif ukoll parteċipazzjoni f'kriminalita` organizzata, li jġorru piena massima ta` tnax (12)-il sena priġunerija;*

    ii. *Il-fatt illi l-awtoritajiet konċernati Maltin, anki fil-perkors u b'riżultat ta` xogħolhom, huma ben informati illi r-rikorrent għandhu mezzi varji, anki dawk privati, sabiex jitlaq mill-gżejjer Maltin lejn pajjiżi fejn, fil-pessima ipotesi, jista` jinħeba jew jevita l-awtoritajiet konċernati, jew se mai l-estradizzjoni tiegħu minn tali pajjiżi kapaċi jkun proċess laburuż, jekk mhux virtwalment impossibli, u għaldaqstant l-esponent sottoskritt iħoss illi ma jkunx għaqli, anki fl-interessi tal-ġustizzja stess, illi tali riskju jiġi b'xi mod injorat u mhux sollevat mill-esponent u l-awtoritajiet eżegwenti Maltin quddiem dina l-Onorabbli Qorti;*

25. *Illi l-esponenti jisħqu illi l-biża ta` tali ħarba hija motivata u msejsa minn fatti w osservazzjonijiet oġġettivi wara verifiki neċessarji kif kondotti mill-Pulizija w dipartimenti relatati, u din il-Qorti għandha kull assigurazzjoni illi l-biża tal-ħarba kif espressa mill-esponent sottoskritt tiddipartixxi minn dak kollhu li hu ipotetiku, astratt, ġenerali jew sterjotipiku.*

26. *Illi terġa' u tgħid, illum-il ġurnata s-sitwazzjoni tar-rikorrenti hija ben definita fis-sens li hu qiegħed taħt kustodja skont kif ordnat il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti Rimandanti permezz tas-sentenza tas-17 ta` Novembru 2021 kif konfermata ukoll mill-Qorti tal-Appell Kriminali bis-sentenza tad- 9 ta` Diċembru 2021. L-awtoritajiet Maltin għandhom issa r-responsabbilita` li dak li ġie ordnat lilhom mill-Qrati Maltin stess, jiġi effettivament eżegwiet fis-sens li r-rikorrent jitreġġa' lura lejn l-Italja, skont kif rikjest mill-awtoritajiet Taljani u dan b`rispett totali mhux biss tal-liġi iżda ukoll tal-prinċipju ta` mutual co-*

*operation bejn l-Istati Membri f`ambitu ta` Mandat ta` Arrest Ewropew.*

27. *Illi din l-Onorabbli Qorti għandha tassigura wkoll:*

> *That these proceedings are being unfolded in the context of extradition proceedings exercised through the meccanism of the European Arrest Warrant, intended as a simplified system of surrender of sentenced or suspected persons for the purposes of execution or prosecution of criminal judgements which enables the removal of the complexity and potential for delay inherent in the established extradition procedures. This meccanism is based on a high level of confidence between Member States of the European Union . A national Court, such as this Court, must be careful not to betray this level of confidence. In accordance with this fundamental principle of mutual trust, there is no general principle that a state cannot surrender an individual unless satisfied that the conditions awaiting him in the receiving country are in full accord with each of the safeguards of the Convention. Whilst on the one hand the operation of Extradition proceedings must not in be breach of safeguards to fundamental human rights, such as protection from inhuman and degrading treatment, or the right to life, it lies on the Applicant to prove that extradition proceedings against him would lead to such a breach. An inversion of proof might obstruct the smooth and efficient operation of extradition proceedings in general and the European Arrest Warrant in particular. Therefore in the present proceedings, the onus of such a proof lies on the applicant in accordance with the general principles of the law of evidence – ara id-digriet interlokutorju fl-ismijiet Christopher Guest More vs. Attorney General mogħti minn din l-Onorabbli Qorti diversament presjeduta fid-29 ta` Ottubru 2019.*

28. *Illi l-liġi li biha ir-rikorrenti qiegħed jinżamm taħt kustodja huwa r-regolament 24 tal- L.S. 276.05 li għandu jinqara flimkien mal-artikolu 16 tal-Kap 276 li jgħidu hekk:*

> *24. Jekk il-qorti tkun meħtieġa tmexxi taħt* dan l-artikolu bis-*saħħa tal*-artikolu 13(5) *jew* tal-*artikolu 23, il-qorti għandha* tordna lill-*persuna li tinżamm taħt kustodja fi stennija għat-treġġiegħ lura tagħha lejn il-pajjiż skedat fejn ikun inħareġ il-mandat.*

> *16. Meta persuna tintbagħat f'kustodja* skont l-artikolu 15, il-*qorti għandha, barra milli tgħarrafha li ma tkunx se titreġġa' lura qabel ma jgħaddu ħmistax-*il *jum mid-data tal-ordni ta' kustodja u li, ħlief fil-każ li tintbagħat taħt kustodja biex tistenna' li*

*titreġġa' lura taħt id-disposizzjonijiet tal-artikolu 15(5), hi tista' tappella lill-Qorti tal-Appell Kriminali, tgħarrafha wkoll illi, jekk jidhrilha li xi waħda mid-disposizzjonijiet tal-artikolu 10(1) u (2) tkun ġiet miksura jew li xi disposizzjoni tal-Kostituzzjoni ta' Malta jew tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea hija, tkun ġiet jew x'aktarx tkun se tiġi miksura dwar il-persuna tagħha hekk li tkun ġustifikata r-revoka, l-annullament jew il-modifika tal-ordni ta' kustodja tal-qorti, hija għandha jedd li titlob rimedju skont id-disposizzjonijiet tal-artikolu 46 tal-imsemmija Kostituzzjoni jew tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea, skont il-każ.*

29. *Illi ta` relevanza wkoll ir-regolament 26 tal-L.S. 276.05 moqri flimkien mal-artikolu 17 tal-Kap 276 li jgħidu:*

> *26. Id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 17 tal-Att rilevanti japplikaw għal kull persuna mibgħuta jew miżmuma taħt kustodja taħt dan l-Ordni.*
>
> *17. Kull persuna mqiegħda jew mibgħuta taħt kustodja skont l-artikolu 15 għandha tintbagħat il-ħabs u għandha tiġi meqjusa bħala persuna li tkun qed tistenna biex isirulha l-proċeduri.*
>
> *(2) Dik il-persuna għandha titqies li tkun taħt kustodja legali mill-ħin li hekk titqiegħed jew tintbagħat sakemm tkun 'il barra mill-ġurisdizzjoni tal-Qrati tal-Ġustizzja Kriminali ta' Malta.*

30. *Illi mela allura ġaladarba ġew applikati fil-konfront tar-rikorrenti dawn l-artikoli, hu jibqa' jitqies li huwa taħt kustodja legali minn meta tqiegħed taħt kustodja sakemm ikun barra mill-ġurisdizzjoni tal-Qrati kriminali Maltin.*

31. *Illi ma huwa minnu xejn li l-artikoli tad-Deċiżjoni Kwadru li jiċċita r-rikorrent (senjatament it-23(2)(3)) jagħtu xi forma ta` dritt lir-rikorrenti jiġi rilaxxat wara li jgħaddu 7 t`ijiem.*

32. *Illi apparti hekk għandu jiġi rilevat ukoll li r-rikorrenti għamel rikors datat 22 ta` Novembru 2021 fejn bih talab lil-Qorti tal-Appell Kriminali jingħata l-ħelsien mill-arrest. B`digriet mogħti ftit tal-gimgħat ilu fit-3 ta` Diċembru 2021 il-Qorti tal-Appell Kriminali presjeduta mill-Imħallef Giovanni Grixti ċaħdet dik it-talba u irrilevat fost affarijiet oħra "illi f`dan l-istadju tal-proċeduri reviżorji l-biża tal-ħarba kif sollevata mill-Avukat Ġenerali hi waħda aktar reali. Bħal ma hi dik il-possibilita` li jinħeba.*

33. *Illi l-biżgħat ravviżati ftit tal-ġranet ilu mill-Qorti tal-Appell Kriminali għadhom reali.*

34. *Għaldaqstant, għar-raġunijiet espressi, fil-fehma tal-esponent ma jeżistux l-estremi sabiex tintlaqa' t-talba tar-rikorrent biex huwa jingħata l-ħelsien mill-arrest sakemm jinqatgħu dawn il-proċeduri kostituzzjonali. Jiġi b'hekk li t-talba kif dedotta fir-rikors għandha tiġi miċħuda bl-ispejjeż kontra r-rikorrent.*

4. Semgħet it-trattazzjoni orali ta' l-abbli difensuri tal-partijiet, illi saret fil-11 ta' Jannar 2021, wara liema trattazzjoni il-kawża odjerna ġiet differita għas-sentenza għallum.

**Ikkunsidrat**

5. Jirriżulta, mill-fatti kif esposti kemm fir-rikors tar-rikorrent w ir-risposta ta' l-intimati, kif ukoll mill-atti tal-kawża Kostituzzjonali 801/2021 li qed tinstema' minn dina l-Qorti, illi r-rikorrent jinsab akkużat b'akkużi relatati mat-traffikar ta' droga quddiem it-Tribunali di Catania, Sezione Giudice per le Indagini Preliminari, in vista ta' liema akkużi, inħareġ Mandat ta' Arrest Ewropew kontra tiegħu fis-7 ta' Ġunju 2019.

6. Jirriżulta illi eventwalment r-rikorrenti ġie arrestat fis-6 ta' Settembru 2021 sabiex jiġi estradit, liema talba għall-estradizzjoni ġiet miċħuda mill-Qorti tal-Maġistrati fl-4 ta' Ottubru 2021.

7. Jirriżulta illi l-intimat Avukat Ġenerali appella minn tali deċiżjoni, u fit-28 ta' Ottubru 2021, il-Qorti tal-Appell Kriminali rrevokat id-deċiżjoni u bagħtet lura l-atti sabiex t-talba ta' estradizzjoni tiġi kkunsidrata mill-ġdid.

8. Jirriżulta illi fil-15 ta' Novembru 2021, il-Qorti tal-Maġistrati laqgħet it-talba tal-estradizzjoni, minn liema talba, din id-darba, ir-rikorrent appella.

9. Jirriżulta illi fid-9 ta' Diċembru 2021, il-Qorti tal-Appell Kriminali ċaħdet l-appell tar-rikorrent u kkonfermat li kellu jiġi estradit għal ġewwa l-Italja.

10. Jirriżulta illi fil-15 ta' Diċembru 2021, ir-rikorrent ntavola proċeduri ta' indole Kostituzzjonali quddiem dina l-Qorti, kif ippresjeduta, fejn ikkontesta l-proċeduri ta' estradizzjoni illi kienu saru fil-konfront tiegħu.

11. Jirriżulta illi, permezz tal-proċeduri odjerni, ir-rikorrent qiegħed jikkontendi illi, la darba l-Istat Malti huwa obbligat jestradixxi persuna minn Malta sa żmien sebat (7) ijiem minn meta tingħata d-deċiżjoni finali fuq l-eżekuzzjoni tal-Mandat ta' Arrest Ewropew, u la darba tali estradizzjoni ma tistax isseħħ riżultat tal-proċeduri Kostituzzjonali pendenti quddiem dina l-Qorti, din l-Qorti, għalhekk, għandha, pendenti d-determinazzjoni tal-lanjanzi ta' natura kostituzzjonali, tagħti miżura provviżorja u tordna il-ħelsien mill-arrest tar-rikkorrent sakemm tiġi deċiża tali lanjanza.

12. Jirriżulta, mill-banda l-oħra, illi l-intimati qegħdin joġġezzjonaw għal tali talba peress illi jinsistu li ma jeżistux l-elementi meħtieġa għall-akkoljiment tal-miżura provviżorja mitluba filwaqt illi nsistew ukoll illi kien hemm il-biża tal-ħarba jew li jinħeba f'każ li jingħata l-ħelsien mill-arrest, liema talba għall-ħelsien ġia ġiet lilu miċħuda mill-Qorti tal-Appell Kriminali.

**Ikkunsidrat**

13. Jirriżulta illi r-rikorrent qiegħed jitlob lil dina l-Qorti sabiex toħroġ miżura provviżorja, u għalhekk ikun opportun illi jiġu kkunsidrati l-għan ta' miżura provviżorja u dak li ġia ġie espress, kemm mill-qrati nostrani kif ukoll minn dawk esteri, fuq tali miżura.

14. Għandu jingħad, l-ewwel u qabel kollox, illi l-għan ta' miżura provviżorja, kif maħsuba f'Artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta, hija sabiex tagħti s-setgħa lill-Qorti twaqqaf milli ssir ħsara li ma tkunx tista' tissewwa fejn hemm ksur tal-jeddijiet fundamentali tal-individwu.

15. Jirriżulta illi, fil-każ odjern, il-jedd li l-attur qed jilmenta li jista' jinkiser huwa l-jedd tal-liberta' personali peress illi, għalkemm skada il-perjodu li fih huwa kellu jiġi estradit, huwa ma ġiex rilaxxjat, skond kif jipprovdi l-Artikolu 23 tad-'Deċiżjoni Kwadru Tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2002 fuq il-mandat ta' arrest Ewropew u l-proċeduri ta' ċediment bejn l-Istati Membri' (2002/584/JHA)

16. Illi tali Artikolu jipprovdi dan li ġej:

> 1. *Il-persuna rikjesta għandha tiġi ċeduta malajr kemm hu possibbli f'data miftehma bejn l-awtoritajiet in kwistjoni.*
>
> 2. *Il-persuna għandha tiġi ċeduta mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-deċiżjoni finali fuq l-eżekuzzjoni tal-mandat ta' arrest Ewropew.*
>
> 3. *Jekk iċ-ċediment tal-persuna rikjesta fil-perjodu stabbilit fil-paragrafu 2 ma jkunx tħalla minħabba ċirkostanzi li mhumiex fil-kontroll ta' l-ebda mill-Istati Membri, l-awtoritajiet ġudizzjarji li jeżegwixxu u li joħorġu l-mandat għandhom jagħmlu immedjatament kuntatt ma' xulxin u jiftehmu fuq data ta' ċediment ġdida. F'dak il-każ, iċ-ċediment għandha ssir f'għaxart ijiem mid-data ġdida hekk miftehma.*
>
> 4. *Iċ-ċediment tista' eċċezzjonalment tkun temporanjament posposta għal raġunijiet umanitarji serji, per eżempju jekk hemm raġunijiet sostanzjali biex jitwemmen li kien manifestament ipoġġi fil-perikolu l-ħajja jew is-saħħa tal-persuna rikjesta. L-eżekuzzjoni tal-mandat ta' arrest Ewropew għandha sseħħ malli dawn ir-raġunijiet waqqfu li jeżistu. L-awtorità ġudizzjarja li teżegwixxi għandha tinforma*

*immedjatament lill-awtorità ġudizzjarja li toħroġ il-mandat u tiftiehem fuq data ta' ċediment ġdida. F'dak il-każ, iċ-ċediment għandha tieħu seħħ f'għaxart ijiem mid-data ġdida hekk miftehma.*

*5. Fuq l-iskadenza tal-limiti tal-ħin imsejħa fil-paragrafi 2 sa 4, jekk il-persuna għadha qed tinżamm fil-kustodja għandha tiġi rilaxxata.*

17. Jirriżulta illi, skond l-Artikolu 33 (2) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 276.05, ossija l-Ordni dwar Pajjiżi Barranin appuntati Dwar l-Estradizzjoni, illi applikat id-Deċiżjoni Kwadru fuq imsemmija fil-Liġi nostrana, il-perjodu ta' ħmistax-il ġurnata ġie mqassar għal sebat-ijiem.

18. Jirriżulta illi, dejjem skond id-Deċiżjoni Kwadru, li ċ-ċediment tal-persuna jista' ma jseħħx entro l-perjodu stabbilit fil-Liġi f'każ ta' ċirkostanzi li seħħew barra il-kontroll ta' l-Istat.

19. Jirriżulta li, skond deċiżjoni preliminari tal-Qorti tal-Ġustizzja Ewropeja mogħtija fil-25 ta' Jannar 2017 fil-każ ta' **Tomas Vilkas** imressaq quddiemha mill-Qorti tal-Appell tal-Irlanda, intqal dan li ġej dwar tali ċirkostanzi:

> *L-Artikolu 23(3) tad-Deċiżjoni Qafas għandu jiġi interpretat fis-sens li, f'sitwazzjoni bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, l-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni u l-awtorità ġudizzjarja emittenti jiftiehmu data ta' konsenja ġdida, skont din id-dispożizzjoni, meta l-konsenja tal-persuna rikjesta, f'terminu ta' għaxart ijiem wara l-ewwel data ta' konsenja ġdida miftiehma skont din id-dispożizzjoni,* ***tirriżulta impossibbli minħabba r-reżistenza magħmula ripetutament minn din il-persuna, sa fejn, minħabba ċirkustanzi eċċezzjonali, din ir-reżistenza ma setgħetx tiġi prevista minn dawn l-awtoritajiet u li l-konsegwenzi tagħha dwar il-konsenja ma setgħux jiġu evitati****,* (sottolinjar tal-Qorti) *minkejja d-diliġenza kollha użata minn dawn l-awtoritajiet, ħaġa li hija l-qorti tar-rinviju li għandha tivverifika.*

## Ikkunsidrat

20. Eżaminat l-ilment mqajjem mir-rikorrent u l-bażi tiegħu, ossija l-Artikolu 23 tal-Deċiżjoni Kwadru fuq imsemmi, ikun opportun illi jiġi kkunsidrat il-prinċipji wara il-ħruġ ta' miżura provviżorja.

21. Il-Qorti, hawnhekk, tagħmel referenza għall-prinċipji legali illi jirregolaw il-ħruġ ta' dawn l-ordnijiet, liema prinċipji legali ġew imfissra sew fis-sentenza '**Emmanuel Camilleri vs Spettur Louise Calleja et**' deċiża fit-2 ta' Ġunju 2014, fejn il-Qorti għamlet referenza għall-prinċipji li jirriżultaw minn każistika tal-Qorti ta' Strasburgu kif ukoll ta' awturi rinomati fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem, u qalet is-segwenti:

*“Illi l-miżuri provviżorji huma maħsuba biex iżommu milli ssir ħsara li ma tissewwiex lil vittma ta’ ksur ta’ jedd fundamentali b’tali mod li ma jsir xejn li jista’ jxejjen jew inaqqas mill-awtorita’ u l-effikaċja tas-sentenza li tingħata dwar l-istess ilment [fn. 2 Q.E.D.B.* ***6.2.2003*** *fil-kawża fl- ismijiet* ***Mamatkulov et vs Turkija*** *(Applik. Nru. 46837/99) § 110] . F’dan ir-rigward, biex jista’ jingħata rimedju provviżorju, jeħtieġ li min jitolbu juri li hemm każ 'prima facie' ta’ ksur ta’ jedd fundamentali u li n- nuqqas tal-għoti tal-miżura provviżorja sejra ġġib ħsara li ma titreġġax lura fil-każ tiegħu [fn. 3 Van Dijk, van Hoof, van Rijn, Zwaak* ***Theory & Practice of the European Convention on Human Rights*** *(4th Edit, 2006) §.2. 2.8.3, p. 113]. Għalhekk, m’huwiex biżżejjed li wieħed joqgħod biss fuq xi sitwazzjoni ipotetika jew li mhix ċerta li sseħħ. Minħabba f’hekk, l-għoti ta’ provvediment proviżorju f’kawża ta’ allegat ksur ta’ jedd fundamentali jitlob li jintwerew ċirkostanzi eċċezzjonali li jagħmluh meħtieġ [fn.4 Deg P.A. (Kost.) AE* ***16.4.2014*** *fil-kawża fl- ismijiet* ***Daniel Alexander Holmes vs Avukat Ġenerali et.****] ;*

*“Illi fuq kollox, l-għoti tar-rimedju interlokutorju jew provviżorju ma għandu qatt jintalab jew jingħata b’mod li jippreġudika l-mixi nnifsu tal-proċedura li fiha jintalab u bl-ebda mod ma għandu jintuża biex jorbot idejn il-Qorti li tagħtih dwar il-mod kif fl-aħħar mill-aħħar tagħti s-sentenza tagħha jew kif tikkunsidra bis-serenita’ jew l-indipendenza meħtieġa l-provi u l-argumenti li l-partijiet iressqu quddiemha."*

*“Fil-ktieb* ***“A Practitioner`s Guide to the European Convention on Human Rights”*** *(4th Edition – Sweet & Maxwell) Karen Reid tgħid illi :-*

> *“As a general practice, measures (riferibbilment għal interim relief) are applied only where there is an apparent real and imminent risk of irreparable harm to life and limb ... While the procedure has been invoked in respect of other types of cases e.g. adoption of children, which may be arguably be of an irreparable nature, r.39 (riferibbilment għar-Rule 39 tar-Rules of Court tal-ECHR) has not been applied save in a few exceptional cases. Matters of detention or interference with property, for example, are not regarded as necessitating interim measures." (sottolinear ta' din il-Qorti).*

*“L-awturi Harris, O'Boyle & Warbrick jsostnu li: "After articles 2 and 3,*

> *“..... Another category is when immigrants are to be deported from a contracting party and allege only that the deportation will violate their private and family life, the rest of the family residing in the contracting party concerned. Rule 39 will only be applied exceptionally in such cases (indeed there would be a presumption that it would not be applied 6* ***Law of the European Convention***

> ***on Human Rights** (3rd Ed.) p 142 since it is rare that the ' irreparable damage test' will be met."*

*"Hekk ukoll illi fil-pagna 113 et seq. tal-ktieb "**Theory and Practice of the European Convention on Human Rights"** (Raba` Edizzjoni – 2006 - Intersentia) l-awturi van Dijk, van Hoof, van Rijn u Zwaak, ighidu – "... it is only in cases of extreme urgency that interim measures are indicated : the facts must prima facie point to a violation of the Convention, and the omission to take the proposed measures must result or threaten to result in irreparable injury to certain vital interests of the parties or the progress of the examination!".*

22. Jirriżulta wkoll illi, kif qalet il-Qorti fl-istess kawża fuq indikata;

*Illi l-miżuri provviżorji huma maħsuba biex iżommu milli ssir ħsara li ma tissewwiex lil vittma ta' ksur ta' jedd fundamentali b'tali mod li ma jsir xejn li jista' jxejjen jew inaqqas mill-awtorita` u l-effikaċja tas-sentenza li tingħata dwar l-istess ilment . F'dan ir-rigward, biex jista' jingħata rimedju provviżorju, jeħtieġ li min jitolbu juri li hemm każ prima facie ta' ksur ta' jedd fundamentali u li n-nuqqas tal-għoti tal-miżura provviżorja sejra ġġib ħsara li ma titreġġax lura fil-każ tiegħu. Għalhekk, m'huwiex biżżejjed li wieħed joqgħod biss fuq xi sitwazzjoni ipotetika jew li mhix ċerta li sseħħ. Minħabba f'hekk, l-għoti ta' provvediment proviżorju f'kawża ta' allegat ksur ta' jedd fundamentali jitlob li jintwerew ċirkostanzi eċċezzjonali li jagħmluh meħtieġ"*

23. Jirriżulta, finalment, illi kif intqal fil-kawża **Angelo Frank Paul Spiteri vs L-Avukat Ġenerali**:

*Fl-ewwel lok jiġi ribadit minn din il-Qorti li f'materja tal-hekk imsejjħa interim measures huwa ċar l-insenjament ta' din il-Qorti li tali miżuri għandhom jittieħdu biss f'każijiet ta' urġenza u saħansitra f'każijiet ta' "urġenza estrema" fejn in-nuqqas ta' teħid ta' tali miżuri jirriżulta, jew jażżarda li jirriżulta, fi ħsara irreparabbli għall-interessi vitali tal-parti konċernata jew għall-perkors tal-eżami li l-Qorti jkun jeħtiġilha tagħmel [fn. 10 Ara Q. Kost. Joseph Camilleri v. Avukat Ġenerali, 1/7/2013, li ċċitat b'approvazzjoni mill-ktieb "Theory and Practice of the European Convention on Human Rights" ta' Van Dijk et (4 ediz. 2006, paġna 113)]. Din il-Qorti rriteniet ukoll li miżuri ad interim huma indikati f'każijiet eċċezzjonali [fn. 11 Ara Q. Kost. Joseph Ruggier et v. Joseph Olivier Ruggier et, 22/8/2005 #7, #11] . [Q.Kost. Federation of Estate Agents v. Direttur Ġenerali Kompetizzjoni, deċiża 25 ta' Settembru 2014]".*

24. Huwa prinċipju bejn stabbilit f'ġurisprudenza kemm tal-Qrati nostrana u kif ukoll anke tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem illi l-ħruġ ta' miżuri provviżorji ma jiġux akkordati għalxejn jew b'kapriċċ, iżda jingħataw f'każijiet fejn ikun hemm periklu illi bil-prosegwiment naturali tal-proċeduri, ser ikomplu jiġu

ppreġudikati d-drittijiet fundamentali tal-persuna illi tkun qed tallega leżjoni tal-istess.

25. Hawnhekk, issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Mamatkulov and Askarov v. Turkey** deċiża mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fl-4 ta' Frar 2005, fejn kellha dan xi tgħid dwar tali posizzjoni:

> *104. Interim measures have been indicated only in limited spheres. Although it does receive a number of requests for interim measures, in practice the Court applies Rule 39 only if there is an imminent risk of irreparable damage. While there is no specific provision in the Convention concerning the domains in which Rule 39 will apply, requests for its application usually concern the right to life (Article 2), the right not to be subjected to torture or inhuman treatment (Article 3) and, exceptionally, the right to respect for private and family life (Article 8) or other rights guaranteed by the Convention. The vast majority of cases in which interim measures have been indicated concern deportation and extradition proceedings.*
>
> ...
>
> *108. In cases such as the present one where there is plausibly asserted to be a risk of irreparable damage to the enjoyment by the applicant of one of the core rights under the Convention, the object of an interim measure is to maintain the status quo pending the Court's determination of the justification for the measure. As such, being intended to ensure the continued existence of the matter that is the subject of the application, the interim measure goes to the substance of the Convention complaint. As far as the applicant is concerned, the result that he or she wishes to achieve through the application is the preservation of the asserted Convention right before irreparable damage is done to it. Consequently, the interim measure is sought by the applicant, and granted by the Court, in order to facilitate the "effective exercise" of the right of individual petition under Article 34 of the Convention in the sense of preserving the subject matter of the application when that is judged to be at risk of irreparable damage through the acts or omissions of the respondent State".*

26. Dwar l-istħarriġ li trid tagħmel din il-Qorti sabiex tqis jekk l-għoti ta' miżura interim hijiex mistħoqqa jew le, il-Qorti tagħmel referenza għal dak illi qalet il-Qorti fil-kawża fl-ismijiet **HSBC Bank (Malta) p.l.c. vs L-Avukat tal-Istat et** (Rikors Numru 227/2019) fil-provvediment tagħha mogħti fis-16 ta' Ġunju 2020, fejn dik il-Qorti għamlet lista ta' l-elementi u indika meta l-Qorti għandha takkorda miżura proviżorja, u dan billi qalet is-segwenti:

> *Mill-prattika ta' dawn il-Qrati, jistgħu jinsiltu għadd ta' linji-gwida fl-għoti o meno ta' interim measures. B'mod ġenerali, dawn isegwu l-*

*orjentament tal-Qorti Ewropea, iżda hemm istanzi fejn jagħtu r-rimedji wkoll fejn il-Qorti ta' Strasburgu aktarx ma takkordax interim measures:*

*1. Ir-rimedju jingħata biss meta ma jkun hemm l-ebda rimedju ordinarju a disposizzjoni tar-rikorrent.*

*2. Biex ikun jista' jingħata rimedju provviżorju, jeħtieġ li min jitolbu juri li hemm każ prima facie ta' ksur ta' jedd fundamentali. Mhux biżżejjed li wieħed joqgħod biss fuq xi sitwazzjoni ipotetika jew li mhux ċerta li sseħħ.*

*3. Tkun sejra sseħħ ħsara li ma tkunx tista' titreġġa' lura għall-interessi vitali tal-parti kkonċernata jew għall-perkors tal-eżami li l-Qorti jkun jinħtiġilha tagħmel. Ingħad f'dan il-kuntest li l-għoti tal-interim order jingħata biss eċċezzjonalment f'każijiet ta' "urġenza estrema".*

*4. L-eżistenza ta' riskju imminenti, li għalhekk jimmerita t-teħid ta' miżuri urġenti. [...]*

*5. Fil-każ li jkun hemm ġudikat, xorta jista' jingħata r-rimedju proviżorju, iżda biss f'każijiet verament eċċezzjonali.*

**Ikkunsidrat**

27. Ikkunsidrati l-elementi u l-argumenti kollha kif fuq indikati, jirriżulta illi t-talba tar-rikorrenti għall-ħruġ ta' miżura provviżorja ma hijiex waħda mistħoqqa, u dan għar-raġunijiet segwenti:

   a. It-terminu sabiex jiġi ċedut r-rikorrent lill-Istat Taljan ma jistax jitqies bħala wieħed skadut għalkemm il-proċess tal-estradizzjoni għandu jitqies bħala konkluż, u dana stante illi l-Istat Malti ma jistax jipproċedi għall-estradizzjoni tar-rikorrent minħabba f'raġunijiet barra mill-kontroll tiegħu, ossija minħabba ir-reżistenza tar-rikorrent li jiġi estradit, u dan billi nieda l-proċeduri Kostituzzjonali odjerni;

   b. Ma jirriżultax, prima facie, illi hemm ksur ta' xi jedd fundamentali tar-rikorrent, stante illi jirriżulta illi huwa jinsab miżmum a tenur ta' dan ipprovdut fil-Deċiżjoni Kwadru kif ukoll il-Leġislazzjoni Sussidjarja fuq indikata;

   c. Ma jirriżulta ebda urġenza estrema da parte tar-rikorrent li għandha twassal għall-ħruġ ta' xi miżura provviżorja;

   d. Ma jeżisti ebda riskju imminenti ta' ħsara irrimedjabbli illi ser ibagħti r-rikorrent u li għandha twassal għall-ħruġ ta' xi miżura provviżorja;

28. Għalhekk, it-talba tar-rikorrent ma tistax tiġi kkunsidrata favorevolment.

**Konklużjoni**

Il-Qorti,

Wara illi rat l-atti kollha proċesswali kollha ppreżentati quddiemha fl-ambitu ta’ dana ir-rikors;

Wara illi semgħet it-trattazzjoni ta’ l-abbli difensuri tal-partijiet;

Tgħaddi biex taqta’ u tiddeċiedi l-vertenza billi:

**Tiċħad** it-talba tar-rikorrent Paul Attard kif dedotta, u għalhekk,

**Spejjeż** tal-proċeduri odjerni ikunu a kariku tar-rikorrent.

**Francesco Depasquale LL.D. LL.M. (IMLI)**
Imħallef

**Rita Sciberras**
Deputat Reġistratur